**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju 2021**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

*Parti A*

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek, ex-utilista ta' dar ta' residenza li kellu b'titolu ta' enfitewsi għal ħamsin sena li issa għaddew, fetaħ kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taħt l-art. 12(4) u (5) tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar [Kap. 158] kontra s-sid, ex-direttarju, biex jitlob li dan jagħraf b'kuntratt notarili l-konverżjoni tal-enfitewsi f'waħda perpetwa. Is-sid, konvenut, ressaq eċċezzjoni li d-disposizzjonijiet tal-liġi li bis-saħħa tagħhom saret it-talba huma b.ksur tal-jedd tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà mħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali minħabba nuqqas ta' proporzjonalità bejn iċ-ċens kif miżjud taħt l-art. 12(4) tal-Kap. 158 u l-valur fis-suq tal-proprjetà. Il-qorti laqgħet l-eċċezzjoni u għalhekk ċaħdet it-talba tal-klijent tiegħek, li jixtieq jappella minn din is-sentenza. Ħejji l-att meħtieġ biex isir l-appell.

2. Ħejji l-atti kollha meħtieġa (ittra u rikors maħluf) biex tiftaħ kawża għall-firda personali bejn il-miżżewġin li għandhom ulied minorenni; il-klijenta tiegħek hija l-mara.

3. Il-klijent tiegħek, li għandu ishma f'kumpannija, igħid illi d-diretturi tal-kumpannija qegħdin jinqdew b'tagħrif kummerċjali kunfidenzjali tal-kumpannija fl-interess tan-negozju privat tagħhom. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek jikseb rimedju, kemm kawtelatorju u kemm definittiv.

4. Il-klijent tiegħek għarrfek illi missieru, li kien armel u miet ftit ġimgħat ilu, ma ħallielu xejn fit-testment u ħallha bħala werrieta tal-ġid kollu tiegħu lil oħt il-klijent. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek jiftaħ kawża biex jingħata sehem mill-wirt.

5. Il-klijent tiegħek sitt xhur ilu kien bigħ proprjetà immobbli lil persuna oħra, bil-patt illi nofs il-prezz jitħallas mal-kuntratt u n-nofs l-ieħor fi żmien sitt xhur. Ix-xerrej qiegħed jirrifjuta li jħallas il-bilanċ tal-prezz u fetaħ kawża kontra l-klijent tiegħek jitlob tnaqqis fil-prezz għax igħid illi l-proprjetà kellha difetti li ma kinux jidhru fil-waqt li sar il-bejgħ għalkemm il-klijent tiegħek kien jaf bihom. Ħejji (a)

tweġiba bl-eċċezzjonijiet tal-klijent tiegħek u (b) kontro-talba biex l-attur iħallas il-bilanċ tal-prezz.

6. Ħejji l-att meħtieġ biex isir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati illi ikkundannat lill-klijent tiegħek għal xahrejn priġunerija għax naqas milli jħallas lil martu s-somma stipulata f'kuntratt ta' separazzjoni personali bħala manteniment għaliha u għal uliedhom

## Parti B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. (a) X'miżuri għandu jimplimenta avukat biex jara illi s-servizzi tiegħu ma jinqediex bihom min ifittex li jaħsel flus ġejjin minn attivitajiet illeċiti u (b) x'għandu jagħmel avukat meta jintebaħ, wara li jkun beda jassisti klijent, li dak il-klijent qiegħed jinqeda bis-servizzi tiegħu għall-ħasil ta' flus?

2. X'tifhem bis-"sigriet professjonali" ta' avukat? X'inhuma l-limiti ta' dan is-sigriet? X'inhija d-differenza bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.

3. X'inhuma l-prinċipji li jirregolaw ftehim bejn avukat u klijent (i) illi l-avukat jaqsam mal-klijent dak li jintrebaħ f'kawża u (ii) illi l-avukat jaqsam mal-klijent dak li jinkiseb bis-saħħa ta' transazzjoni?